MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 17/2007

**Kenneth Abela**

**vs**

**Aplan Limited u R.V. Electronics**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' April, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fl-10 ta' Ottubru 2006 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sitt mitt Liri Maltin (Lm600) rapprezentanti prezz ta' television illi fi ftit zmien kellu diversi hsarat.

L-intimati pprezentaw risposta ghal din it-talba u attendew ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimati li huma rapprezentanti tad-ditti rispettivi taghhom, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti xtara television f' Ottubru 2003 minghand id-ditta intimata Aplan Ltd u wara xahar dan zviluppa hsara u gie mibdul ghal iehor gdid mill-istess ditta Aplan Ltd. F' Mejju 2005 it-television il-gdid ukoll zviluppa hsara u din id-darba nbidlet it-TV Board mid-ditta R.V. Electronics li kienet giet rakkomandata mill-istess Aplan Ltd izda disa' xhur wara dan rega' kellu l-hsara.

Id-ditta intimata Aplan Ltd issottomettiet illi meta lir-rikorrenti bidlulu t-television dan dam jintuza ghoxrin (20) xahar qabel ma kellu l-ewwel hsara u billi l-garanzija kienet ta' sena l-kumpanija intimata ma kellha ebda responsabilita` fuq ix-xoghol ta' tiswija. Il-Board inghatat b' xejn lid-ditta R.V. Electronics u mhux lir-rikorrenti. Huma ssottomettew illi humiex aktar responsabbli ghaliex ma ghadhomx joperaw aktar bhala agenti ta' dik id-ditta li tissupplixxi dik il-marka ta' televizjoni.

Id-ditta intimata R.V. Electronics issottomettiet illi l-uniku rbit li hemm bejn id-ditta intimata Aplan Ltd u R.V. Electronics kien li huma jaghtu biss "after sales support". Meta huma kkonfermaw li t-Television Board kellha tinbidel din giet ipprovduta minn Aplan Ltd ghas-sepjjez taghhom (Aplan Ltd) u huma ccargjaw lir-rikorrenti tal-labour biss. Din il-Board damet tintuza ghal disa' xhur qabel ma rega' kien hemm xi hsarat.

> It-Tribunal jinnota illi filwaqt li huwa minnu illi t-tieni television gralu l-hsara madwar ghoxrin xahar wara li kien gie mibdul ma’ l-ewwel television izda jinnota wkoll illi l-ewwel television kien ilu ghand ir-rikorrenti xahar wiehed biss qabel ma gralu l-hsara liema hsara ma gietx dikjarata x’kienet mid-ditta intimata. Il-hsara fit-tieni television kienet hsara bil-Board u li wara li nbidlet din serviet biss disa’ (9) xhur qabel ma kellha l-hsara.
>
> Ghal dawn il-motivi:
>
> It-Tribunal jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat Aplan Ltd ihallas is-somma ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) lir-rikorrenti b’ dan illi t-television isir proprjeta` ta’ l-intimat Aplan Ltd wara li jkun sar il-hlas, bl-ispejjez kontra l-istess intimat Aplan Ltd.**”**

Is-socjeta` konvenuta Aplan Limited appellat minn din is-sentenza bl-aggravju principali illi t-Tribunal ma osservax il-principji ta’ gustizzja naturali, sew dik “*nemo iudex in causa propria*”, sew dik “*audi alteram partem*”. Fis-sottomissjonijiet taghha s-socjeta` appellanti tirravvisa l-lezjoni tal-principji msemmija ghal fatt illi t-Tribunal talab il-parir tekniku tad-ditta konvenuta mharrka R.V. Electronics u r-ragonament u l-konkluzjoni tieghu rcevew sussidju minn dan l-istess parir;

Kontra dan l-appell l-attur ressaq bi preliminari l-pregudizzjali li dan gie intavolat “*fouri termine*” bi ksur ta’ l-Artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 378. Dan jipprovdi illi “appell isir minn decizjoni ta’ Tribunal permezz ta’ rikors li jigi prezentat fi zmien tmintax-il jum tax-xoghol mid-data tad-decizjoni”;

Ma jista’ qatt ikun disputat illi t-termini ghal kompiment ta’ atti processwali huma dawk stabbiliti mil-ligi. F’ dan il-kaz il-ligi trid li t-terminu specifikat ghall-proponiment ta’ l-appell minn sentenzi tat-Tribunal tal-Konsumaturi

jiddekorri mid-data tas-sentenza. Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares *ad unguem*, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila**", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);

Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("**Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority**", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007);

Kjarament, mill-atti istruttorji tal-kaz prezenti jirrizulta l-fatt materjali tat-trapass taz-zmien statutorju utli billi mid-data tas-sentenza (17 ta' April 2007) sal-prezentata ta' l-appell (13 ta' Gunju 2007) abbondantement skadew it-tmintax-il gurnata tax-xoghol prefissi mill-Kapitolu 378 ghall-proponiment ta' l-appell mis-socjeta` konvenuta. Il-konsegwenza hi li l-appell devolut hu irritwalment propost in kwantu *fuori termine*. Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma ssibx raguni biex ma takkoljiex il-pregudizzjali sottomessa mill-appellat. Mhux il-kaz allura li tinvesti l-mertu ta' l-ilment sottopost, anke jekk ikollu jinghad dwaru illi dan joffri spunti ta' certa importanza guridika in tema ghall-principji su-affermati ta' gustizzja naturali.

Ghal dawn il-motivi u bl-akkoljiment tal-pregudizzjali mqanqla mill-attur appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu, l-appell qed jigi rigettat bhala irritu u null in kwantu prezentat tardivament, bl-ispejjez jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------